**11 ta' Jannar, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Onorevoli Toni Pellegrini M.L.A. ne

*versus*

Onorevoli Edward G. Arrigo C.B.E. ne. et.

**Appell — Interess Ġuridiku**

*Biex wieħed jappella jeħtieġ li jkollu interess ġuridiku u għalhekk jekk it-talbiet ta' l-attur jiġu respinti interament il-konvenut ma jistax jappella.*

*Jekk l-appell prinċipali jiġi dikjarat inammissibili, anke l-appell inċidentali għandu jitqies inammissibili.*

Il-Qorti, Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fil-Prim'Awla tal-Onorabbli Qorti Ċivili li biha l-attur Onorevoli Pellegrini nomine wara li ppremetta illi fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar, 1964 ġie konċess lilu mill-esponenti illi jagħmel "political broadcast" fuq it-television, liema broadcast skond ftehim bejn il-partijiet kellha tkun ta' durata ta' għaxar minuti; li l-istess "political broadcast" skond ma normalment isir ġie debitament "filmed" u "sound recorded" u mgħoddi għal wiri mir-rappreżentant legali tal-konvenut nomine, sabiex fil-ħin stabbilit jiġi projettat fuq it-televiżjoni; li meta l-istess "political broadcast" tal-attur ġie projettat fuq li screen, dana ma ntweriex u ma nstemgħax lit-telespettaturi kif effettivament ġie "filmed" u "sound recorded", b'mod li t-telespettaturi ma setgħux isegwu sewwa l-ftuħ ta' l-istess "political broadcast" prerekordjat mill-attur; li l-konvenut ġie debitament interpellat sabiex jerġa jiġi projettat fuq it-television lokali l-istess "political broadcast" tal-attur, kif kien ġie debitament "filmed" u "sound recorded", iżda inutilment, talab li prevja occorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut nomine ma pprojettax fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar, 1964, fuq li screen tat-television il-versjoni preparata mill-attur u debitament approvata għal wiri billi ma ġietx murija lit-telespettaturi l-ewwel parti ta' l-istess taħdita — il-konvenut nomine jiġi kkundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, juri fuq it-televiżjoni lokali l-"political broadcast" tal-attur, kif oriġinarjament kienet ġiet "filmed" u "sound recorded" fli Studios tal-konvenut nomine — salva kwalunkwe azjoni għad-danni li l-attur nomine jintenta f'ġudizzju separat.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li qal:—

1. Illi d-deċiżżjoni tal-Awtorita tax-Xandir ta' Malta

li ma tilqax it-talba tal-attur nomine biex tiġi ripetuta x-xandira tat-taħdita *politika tas-sebgħa u għoxrin ta' Frar*, 1964, hija deċiżżjoni li l-istess Awtorità ħadet taħt il-poteri li għandha u bħala parti mill-funzjonijiet mogħtija lill-istess Awtorità skond *l-Ordinanza XX tal-1961 u dik id-deċiżżjoni* mhiex sindakabili u ma tistax tiġi kontestata quddiem il-Qorti.

2. Illi bla preġudizzju tal-premess, id-deċiżżjoni tal-Awtorità tax-Xandir ta' Malta kienet ġusta u korretta.

3. *Illi* l-eċċipient nomine ma *kellu* qatt ebda obbligu lejn l-attur li jirrepeti t-trasmissjoni in kwistjoni fil-każ illi xi kliem tat-taħdita ma jinstemgħax.

*Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta'* l-għaxra *ta' Marzu*, 1964 li biha wara li rriteniet illi bejn il-partijiet kien intervjena kuntratt li fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar, 1964, l-Awtorità tax-Xandir konvenuta kellha tieħu ħsieb ix-xandir bit-televiżjoni (apparti milli wkoll fuq ir-Rediffusion) tad-diskors tal-attur u in vista ta' dan hija kienet marbuta kontrattwalment miegħu, irrispinġiet l-eċċezzjoni tal-insindikabilità tad-deċiżżjoni tal-Awtorità konvenuta li ma tirrepetix it-trasmissjoni ,iżda laqgħet l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut nomine fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju ta' dik tal-insindakabilità ċioe li d-deċiżżjoni tal-Awtorità *tax-Xandir ma tirrepetiex* ix-xandira kienet fil-meritu tagħha ġusta u korretta u konsegwentement irrespinġiet it-talbiet tal-attur kif dedotti fil-penultimu paragrafu tal-att fiċ-ċitazzjoni — u ordnat illi li spejjeż jibqgħu bla taxxa, ħlief għal ispejjeż tal-aċċess u li spejjeż u drittijiet ta' wara l-ħin tar-reġistru li għandhom jitħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet, wara li kkunsidrat:—

. . . Omissis . . .

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi riformata billi tiġi konfermata in kwantu irrespinġiet it-talbiet ta' l-attur u revokata in kwantu ddeċidiet li bejn il-partijiet kien intervjena kuntratt u in kwantu wkoll irrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-insindakabilita tad-deċiżżjoni ta' l-Awtorita tax-Xandir, billi jiġi deċiż illi l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-insindakabilita tiġi akkolta u illi bejn il-partijiet ma nterveneWx rapporti kontrattwali in konnessjoni ma l-imsemmi diskors ta' l-attur — bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti relativament għall-kapi li minnhom il-konvenut qed jappella hi ġusta u timmerita konferma u fl-istess ħin appella inċidentalment u talab li dik is-sentenza tiġi revokata in kwantu irrespinġiet it-talba tiegħu u ordnatlu jħallas parti mill-ispejjeż billi, wara li jiġu respinti l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, it-talba tiegħu tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża semgħet it-trattazzjoni tal-kwistjoni infraskritta u kkunsidrat:—

**Rigward l-appell prinċipali tal-konvenut:**

Il-Qorti ssollevat id-dubju jekk u sa fejn hemm lok għal dan l-appell mid-deċiżżjoni ta' l-ewwel Qorti fuq punt preliminari meta, in definitiva, it-talbiet ta' l-attur ġew, bis-sentenza ta' dik il-Qorti, interament respinti, u l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fuq dan l-inċident.

Fil-fehma tal-Qorti hi l-aktar ħaġa ċara illi l-konvenut ma kellu ebda lok u ebda dritt legali li jappella prinċipal-

ment, kif għamel mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Għal appell jinħtieġ, bħal ma jinħtieġ għal istituzzjoni ta' kawża, l-interess ġuridiku. Anzi, kif jingħad fil-"Commentario del Codice di Procedura Civile" ta' Pisanelli, Scialoja u Mancini (Vol. VI § 130) "l'interesse il quale serve di fondamento al giudizio di appello deve avere un'origine più precisa e più certa, e quindi debb'essere più concreto di quello che richiedesi per la introduzione di un giudizio. L'appello è dato per riparare la sentenza dei primi giudici: onde per ammettersi è necessario che si abbia interesse ad ottenerne la riparazione, ossia che la sentenza dei primi giudici arrechi un'offesa positiva al diritto del litigante."

Is-sentenza in kwistjoni ma arrekat ebda preġudizzju positiv għad-dritt tal-konvenut, **relatat s'intendi, mal-kawża li ġiet deċiża bis-sentenza**, u difatti l-konvenut mhux jitlob bl-ebda mod il-modifika ta' dik is-sentenza in kwantu iddisponiet mid-domandi ta' l-attur, imma qed jitlob il-konferma tagħha, **biss għal raġuni diversa.**

L-interess ġuridiku li jintitola parti f'kawża li tappella mis-sentenza, jikkonkretezza ruħu fis-**sokkombenza**.

Hemm każijiet eċċezzjonali bħal dak ċitat mill-konvenut in re "Chapelle vs. Borg Olivier" (Vol. V p. 356) li fihom is-sentenza għalkemm tkun tat raġun lill-appellant tkun infkorriet f'nullita li jista anki jkun **apparenti** l-interess ta' l-appellant li jneħħi l-vizzju tas-sentenza apparentement favur tiegħu jkun evidenti.

Każijiet ta' din ix-xorta huma għal kollox speċjali li kwalunkwe każ, id-diskussjoni tagħhom hi rrilevanti għall-finijiet preżenti.

Ir-regola tibqa illi parti tista tappella biss jekk tkun 'sokkombenti'. S'intendi s-sokkombenza tista tkun to'ali jew parzjali, imma sokkombenza jinhtieġ illi jkun hemm biex jista jingħad illi l-litigant għandu nteress ġuridiku u kwindi dritt li jappella mis-sentenza. Dan hu hekk għaliex skop ta' l-appell hu li jiġi rimedjat għall-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt ta' l-appellant kaġunata mis-sentenza *kif inhi*.

Fil-każ tagħna, il-konvenut ma kien 'sokkombenti' flebda **sens veru legali tal-kelma** kif sejjer jingħad, anqas parzjalment, **dejjem naturalment, b'riferenza għall-meritu tal-kawża kif intavolat mill-attur permezz taċ-ċitazzjoni tiegħu.**

B'din iċ-ċitazzoni l-attur talab — għar-raġunijiet premessi minnu — illi l-konvenut ikun ikkundannat biex jarġa juri fuq it-televiżjoni lokali d-diskors politiku kif oriġinarjament kien "filmed" u "sound recorded". **Din id-domanda — ċioe dak kollu li talab l-attur kontra l-konvenut fil-kawża — ġiet bis-sentenza integralment miċħuda.**

Kontra t-talba ta' l-attur, il-konvenut oppona fl-ewwel lok, eċċezzjoni preliminari fis-sens illi d-deċiżżjoni ta' l-Awtorita rappresentata minnu li ma terġax turi dak il-broadcast kienet insindakabbli u ma setgħatx tiġi kontestata quddiem il-Qorti. Imbagħad oppona żewġ *eċċezzjonijiet fil-meritu* fis-sens illi dik id-deċiżżjoni ta' l-Awtorita kienet ġusta u korretta u li hu ma kellu qatt ebda obbligu lejn l-attur li jirripeti t-trasmissjoni in kwistjoni fil-każ li xi kliem tattaħdita ma instemgħux.

Biex ċaħdet it-talba ta' l-attur kif intqal l-ewwel Qorti, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut (li fil-fatt kienet tikkonvolġi wkoll it-tielet waħda): iżda qabel għamlet dan, eżaminat u ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-insidakabi-

lita u f'dan l-eżami u għall-finijiet tiegħu eżaminat il-kwistjoni jekk bejn il-partijiet kienx hemm relazzjoni kontrattwali u rriteniet li kien hemm.

Bl-appell il-konvenut qed jitlob illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi revokata f'dik il-parti li ċaħdet dik l-eċċezzjoni preliminari tiegħu, fil-waqt li qed jitlob li dik s-sentenza tġi konfermata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-attur.

Issa għalkemm il-Qorti tifhem ix-xewqa tal-konvenut u talvolta l-interess materjali tiegħu li dak li rriteniet l-ewwel Qorti fuq l-eċċezzjoni preliminari ma jibqax, jekk jista jkun, iseħħ, dan ma' jistax jitqies li jagħtih interess ġuridiku li jimpunja dik is-sentenza.

Hemm bżonn li wieħed ma' jikkonfondix ħaġa m'oħra u jkollu idea eżatta ta' dak li, ġenwinament, għall-finijiet tad-dritt ta' l-appell, tfisser "sokkombenza". "Questa si verifika" — jgħid il-Mortara (Comm. Proc. Civ. Vol. IV § 251) — "quando per effetto della decizione pronunziata il litigante viene posto in una situazione meno favorevole di quelle che desiderava ottenere. **Non vi è dunque soccombenza** nel senso giuridico se le conclusioni furono **interamente accolte col rigetto però di talune eccezioni o delle ragioni di fatto o di diritto che adducenvansi in sostegno di esse.** Ne vi è qualora sia stata rigettata uniecceziono preliminare di carattere dilatorio o **pregiudiziale dando vittoria nel merito** a chi la proponeva. Ne ancore è permesso considerare soccombente chi ottenne l'accoglimento di una fra due conslusioni alternative. . . Ne, finalmente, se a giustificare una pretesa giudizaria furono dedotti piu titoli allo scopo egualmente idonei, potrebbe lagnarsi per soccombenza il litigante perche il magistrato, inconosciuta la validita e la sufficienza di uno, abbia omesso di portare esame sull'altro, o eseminatolo abbia reputato di metterlo da parte come non valido."

Dan hu naturali u konfaċenti għall-bon sens. L-interess ġuridiku ta' konvenut f'kawża hu li t-talba ta' l-attur dedotta kontra tiegħu tiġi miċħuda. Hu jista jimpjega biex jottjeni dak li skop diversi mezzi ta' difiża, konsistenti f'raġunijiet u eċċezzjonijiet, kollha tendenti għall-istess obbjettiv u identiku skop, ċioe li jiġi meħlus definitivament u interament *mill-pretensjoni miġjuba kontra tiegħu. Meta dan l*-iskop jiġi raġġunt, hu ma jistax jitqies gravat u l-interess ġuridiku tiegħu f'dik il-kawża hu eżawrit. Kieku l-mezzi diversi ta' diviża adoperati jkunu ilkoll riferibbli għall-meritu tal-kawża u wieħed minnhom jiġi miċħud b'mod illi t-talba ta' l-attur tiġi respinta in parti biss, il-konvenut jista ovvjament jappella mill-parti tas-sentenza li ċaħdet id-difiża tiegħu, għax id-deċiżżjoni relativa hija riflessa fid-dispositiv dwar it-talba. Imma meta jew id-diversi eċċezzjonijiet ikunu lkoll jirrigwardaw il-meritu u tiġi eskluża waħda minnhom iżda akkolta l-oħra b'mod illi, fir-riżultat, il-konvenut jiġi xorta waħda meħlus għal kollox mit-talba ta' l-attur jew waħda mill-eċċezzjonijiet tkun preġudizjali (kif kienet fil-każ presenti) u dik tiġi respinta, iżda tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-meritu u hekk it-talba ta' l-attur tiġi interament miċħuda "in questo ed altri simili casi", kif jgħid il-Mattirolo, "il convenuto ha di fatto ottenuto una piena vittoria".

Meta l-liġi tgħid illi litigant jista jappella minn "kap" ta' *sentenza li jkun favorevoli għalih, hi tippresupponi* illi d-deċiżżjoni fuq dak il-kap taffetta l-meritu tal-kawża u mhix tikkontempla dawk il-każijiet fejn deċiżżjonijiet fuq kwistjonijiet sorti fil-kawża huma biss verament inċidentali li, in definitiva, ma jħallu ebda rifless fuq id-disposizzjoni tal-meritu iżda biss jippjanaw it-triq għad-deċiżżjoni tiegħu. Jekk attur rebaħ il-meritu kollu dedott, għalkemm wieħed mit-titoli jew raġunijiet avanzati bħala bażi għat-talba tiegħu ġie eskluż; jew konvenut similment rebaħ il-meritu kollu għad li waħda mill-eċċezzjonijiet jew raġunijiet tiegħu

ġiet miċħuda, ma jistax, la fil-każ il-wieħed u lanqas l-ieħor jingħad legalment li hemm "sokkombenza".

Dan kollu qiegħed jingħad b'**riferenza għall-appell prinċipali** magħmul mill-konvenut.

**Kieku** 'per ipotesi' appella **prinċipalment** l-attur li tilef il-kawża, il-konvenut kien talvolta ikollu d-dritt li jappella **inċidentalment** mid-deċiżżjoni ta' l-ewwel Qorti fuq l-eċċezzjoni preliminari. Forsi, anke mingħajr ebda appell inċidentali *da parti tal-konvenut, il-kwistjoni, fuq l-appell prinċipali* ta' l-attur, kienet tkun riaperta għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti, bis-saħħa ta' l-effett devolutiv ġenerali tiegħu. Iżda din hi ipotesi li m'hemmx bżonn tiġi ulterjorment kunsidrata.

Il-konvenut issottometta, in sostenn ta' d-dritt tiegħu li jagħmel dan l-appell, illi d-deċiżżjoni ta' l-ewwel Qorti fuq l-eċċezzjoni preliminari, sa kemm ma tiġix revokata, tikkostitwixxi ġudikat bejnu u bejn l-attur, u tista bħala tali tippreġudikah jekk jinqalgħu inċidenti oħra bħal dak li fforma oġġett ta' din il-kawża.

In kwantu jirrigwarda **din** il-kawża, dik id-deċiżżjoni, jekk ma tiġix revokata, tassew tikkostitwixxi ġudikat **fis-sens ta'** sentenza definitiva li tivvinkola l-partijiet, kif tivvinkolohom, għal **din** il-kawża, id-deċiżżjoni tal-meritu. **Iżda** bir-rispett kollu din il-Qorti ma tifhemx kif jista jkun hemm fondament għall-biża tal-konvenut illi d-deċiżżjoni in kwistjoni tista qatt tkun bażi ta' "*eċċezzjoni ta' res judicata*" **f'kawżi oħra** li jistgħu jinqalgħu ankorke 'ex hypothesi' taħt l-istess "scheme" u anki bejn l-istess partijiet imma **relativi** għal **oġġett** u 'causa' diversa, sebbene simili. Id-deċiżżjoni ta' l-ewwel Qorti ikollha ċertament il-valur tagħha għall-istudju li għamlet u r-raġunijiet li ġiebet fuq

*il-kwistjoni legali nvoluta. Imma din mhix raġuni biex tagħti* fondament għall-appell tal-konvenut.

Il-każ presenti, fil-fattezzi rilevanti tiegħu jixbaħ lil dak "In Grosvenor Hotel *(No. 2)*" riportat *fil*-Law Report tat-'Times' ta' Londra tat-tlettin ta' Lulju, 1964 u deċiż mill-Qorti ta' l-Appell ta' l-Ingilterra. L-appellanti kienu talbu r-revoka ta' deċiżżjoni li biha kienet ġiet akkolta l-obbligazzjoni tal-Ministru minħabba "Crown Privilege" għall-eżebizzjoni ta' ċerti dokumenti f'kawża. L-Attorney-Generali, fl-appell, qajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari, waħda minnhom ta' l-insindakabilita tad-deċiżżjoni tal-Ministru mill-Qrati. Dawn l-eċċezzjonijiet li kienu jinvolvu kwistjonijiet legali u kostituzzjonali ta' l-akbar importanza u ġenerali għall-Kuruna, ġew respinti mil-Qorti, iżda, fil-meritu l-Kuruna rebħet billi t-talba ta' l-appellanti għall-eżibizzjoni tad-dokumenti ġiet miċħuda. L-appellanti, talbu l-permess biex jappellaw lil House of Lords, u r-rappreżentant tal-Kuruna, li kellu nteress evidenti li l-kwistjonijiet involuti fl-eċċezzjonijiet preliminari jerġgħu jiġu eżaminati mill-House of Lords, wera x-xewqa illi l-permess mitlub mill-appellanti, vinċituri fuq l-eċċezzjonijiet preliminari iżda sokkombenti fil-meritu, jiġi mogħti. Hu qal: "The appellants had won on a number of points of law which in the Crown's view should be ventilated in the highest court of the land. But *as the Crown had won, the Crown could not itself appeal.*"

Il-konvenut ipprova wkoll isostni l-appell tiegħu billi jgħid illi hu appella wkoll mill-ispejjeż. Iżda għal dan ir-*riliev hemm diversi risposti. L-ispejjeż* rigward *id-deċiżżjoni* tagħha fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut. Hi pprovdiet biss dwar l-ispejjeż b'mod ġenerali għall-kawża kollha fil-parti fejn iddisponiet mill-meritu kollu tal-kawża *u hemm użat mid-diskrezzjoni li kellha skond il-liġi billi or-*

dnat li l-ispejjeż, almenu dawk prinċipali jibqgħu mingħajr taxxa.

It-tieni, hu manifest illi l-appell ta' l-konvenut mhux, *fir-realta, dirett kontra r-regolament ta' l-ispejjeż kif ordnat mill-ewwel Qorti.* M'hemmx fil-petizzjoni ħlief is-solita frażi ta' użu "bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."

It-tielet, għad illi wieħed jista xi drabi jappella anki biss mill-ispejjeż, dan jista jiġri meta l-meritu jkun appellabbli anki jekk mhux appellat, imma mhux meta l-meritu jkun inappellabbli.

Kwindi l-appell prinċipali magħmul mill-konvenut f'dan il-każ kien inamissibbli, u, bħala tali bla effett.

**Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-attur.**

Ġa la darba l-appell prinċipali ġie ritenut **inamissibbli**, anqas jista jitqies ammissibbili l-appell inċidentali. Kif intqal fis-sentenza Vol. XXX, I, 17, "id-dritt ta' l-appellat (għall-appell inċidentali) joħroġ minn dak ta' l-appellant (prinċipali).

"Il-Qrati tagħna sa anki ddeċidew illi mhux biss meta l-appell prinċipali hu inammissibili imma anki meta hu sempliċement null, jaqa anki l-appell inċidentali li "ha l-mossi minn dak l-appell prinċipali u li qiegħed jippresupponi l-eżistenza ta' dak l-appell mentri dan qatt ma eżista skond il-liġi" (Vol. XXXII, I, 67).

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi

1. Tiddikjara inammissibili l-appell prinċipali ta' l-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.

2. Tiddikjara, konsegwentement, li hu inammissibili wkoll l-appell incidentali ta' l-attur bl-ispejjeż mingħajr taxxa.